# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Numru 1**

**Citazzjoni numru 95/00 SM**

**Paul Azzopardi u martu Maria Dolores Azzopardi**

**v.**

**Charles Cassar u Nicholas Cassar ezercenti l-kummerc bl-isem Buccaneer Boats**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fis-6 ta' Novembru 2012 li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment:

> "Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata d-19 ta' Jannar, 2000, li permezz taghha l-atturi fuq indikati sejhu lill-konvenuti de quo quddiem din il-qorti biex wara li ppremettew sintetikament is-segwenti:
>
> 1. "Illi xtraw minghand il-konvenuti dghajsa bl-isem Buccaneer ghas-somma ta' erbat elef u mitt Lira Maltin, (LM4,100.00);

2. “Illi ghamlu diversi spejjez biex ramaw id-dghajsa de quo, inkluz stallazzjoni ta’ magni u xoghol iehor;

3. “Illi sussegwentement skoprew li d-dghajsa de quo ma kinitx tal-kwalita` pattwita tant illi skont rapport ta’ l-inginier marittimu hemm indikat, instab li ma kinitx tajba biex tintuza bhala dghajsa u tpoggi l-hajja tan-nies fil-periklu;

4. “Illi l-atturi nfurmaw lill-konvenuti b’din ir-rizultanza u li kienu qed jirrifjutaw id-dghajsa lilhom koncessa mill-konvenuti;

5. “Illi konsegwentement interpellaw lill-konvenuti biex jirrifondu l-ammont imhallas minnhom in akkont u biex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni lilhom ikkagunati;

6. “Illi wara li l-konvenuti baqghu inadempjenti, l-atturi ddepozitaw id-dghajsa in dizamina f’idejn il-konsenjatarju hemm indikat u taht l-awtorita` ta’ din il-qorti;

“Talbu lil din il-qorti biex:

i. “Tiddikjara li d-dghajsa de quo mhix tal-kwalita` pattwita;

ii. “Tirrexxindi l-kuntratt ta’ bejgh fir-rigward tal-istess dghajsa;

iii. “Tikkundanna lill-konvenuti jirrifondu lill-atturi s-somma ta’ erbat elef u mitt Lira Maltin, (LM4,100.00), imhallsa mill-atturi in akkont;

iv. “Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi konsegwenza tal-istess;

v. “Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi u jekk hemm bzonn permezz ta’ periti nominandi;

vi. “Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati;

vii. “Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess citazzjoni promotrici, kontra l-imsemmija konvenuti;

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata l-1 ta’ Frar, 2000, li permezz taghha l-konvenuti eccepew sintetikament is-segwenti:

1. “Illi l-azzjoni inizzjata hi bla bazi fil-fatt u fid-dritt billi d-dghajsa konsenjata kienet dik ordnata mill-atturi;

2. “Illi dak allegat mill-atturi hu vizzju redibitorju u ghalhekk, ic-citazzjoni hi nulla stante li bla kawzali;

3. “Illi l-atturi ddekadew mill-azzjoni bid-dekadenza ta’ sitt (6) xhur a tenur ta’ l-artikolu 1431 tal-Kodici Civili;

4. “Illi d-dghajsa m’ghandha l-ebda difett;

“Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat it-2 t’Ottubru, 2000, li permezz tieghu hatret perit tekniku u iehor legali bis-soliti fakultajiet, inkluz li jisimghu xhieda bil-gurament, (ara fol 20 et sequitur);

“Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-8 ta’ Marzu, 2007, li permezz tieghu gie revokat l-inkarigu moghti lill-perit legali hemm indikat, (ara fol 50 et sequitur);

“Rat ir-rikors tal-istess perit legali datat id-29 ta’ Marzu, 2007, li permezz tieghu informa lill-istess qorti li kien ikkonkluda r-relazzjoni tieghu u ghalhekk ir-rapport finali seta’ issa jigi pprezentat, u allura talab ir-revoka contrario imperio tad-digriet riferit fil-paragrafu precedenti, (ara fol 51 et sequitur);

“Rat id-digriet tal-istess qorti datat it-30 ta’ Marzu, 2007, li permezz tieghu laqghet it-talba tal-espert legali riferita fil-paragrafu precedenti u ordnat li l-istess relazzjoni tigi pprezentata fi zmien jumejn (2) minn notifika tar-rikors, (ara fol 52 et sequitur);

“Rat ir-relazzjoni peritali konguntiva li kienet finalment ipprezentata in atti fit-8 ta’ Mejju, 2007;

“Rat id-digriet tal-istess qorti datat it-23 ta’ Mejju, 2007, li permezz tieghu hatret periti addizzjonali u laqghet fl-istess hin, it-talba attrici ghall-eskussjoni tal-perit tekniku, (ara fol 314 et sequitur);

“Rat id-digriet tal-istess qorti fuq indikata datat il-15 ta’ Novembru, 2008, fejn l-istess qorti issa hatret il-periti teknici addizzjonali hemm indikati, (ara fol 321 et sequitur), u d-digriet tal-istess datat il-11 ta’ Gunju, 2008, li permezz tieghu ssostitwiet lil wiehed mill-esperti teknici precedentement nominat, (ara fol 333 et sequitur);

“Rat ukoll l-istess digriet tal-11 ta’ Gunju, gia` ndikat fil-paragrafu precedenti li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju, (ara fol 333 et sequitur);

“Rat id-digriet tal-istess qorti diversament preseduta datat id-9 ta’ Dicembru, 2009, li permezz tieghu ssostitwiet perit tekniku iehor, (ara fol 375 et sequitur);

“Rat in-nota t’osservazzjonijiet tal-konvenuti datata t-22 ta’ Frar, 2011, u pprezentata in atti minghajr id-debita awtorizzazzjoni, (ara fol 386 et sequitur);

"Rat in-nota tal-inginier marittimu Gutteridge datata l-25 ta' Mejju, 2011, li permezz taghha esebixxa r-rapport tal-periti addizzjonali, (ara fol 399 et sequitur);

"Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-kontendenti rispettivament datati t-22 ta' Mejju, u t-28 ta' Gunju, 2012;

"Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

"Ezaminat ix-xhieda prodotta quddiem din il-qorti diversament preseduta u quddiem l-assistent gudizzjarju nominata;

"Semghet ix-xhieda prodotta quddiemha kif issa preseduta;

"Ezaminat id-dokumenti kollha prodotti;

"Ikkunsidrat:

"Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. "Illi l-atturi xtraw id-dghajsa in dizamina mill-konvenuti ghall-prezz ta' erbat elef u mitt Lira Maltin, (LM4,100.00);

2. "Illi wara li xtraw l-istess dghajsa ghamlu diversi spejjez fuqha nkluz stallazzjoni ta' magni u xoghol iehor;

3. "Illi sussegwentement skoprew li d-dghajsa ma kinitx tal-kwalita` pattwita li skont inginier imqabbad mill-istess atturi din mhix tajba u tpoggi l-hajja tan-nies fil-periklu u konsegwentement, talbu r-rexissjoni tal-kuntratt ta' bejgh tal-istess;

4. "Illi minn naha taghhom il-konvenuti rribattew li t-talbiet tal-atturi huma nfondati stante li d-dghajsa minnhom mibjugha m'ghandha l-ebda difett, u li nbniet skont is-sengha u l-arti;

"Ikkunsidrat:

"Illi rigward it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuti ghandu jinghad sintetikament is-segwenti:

1. "Illi l-kawzali sollevati mill-atturi huma pjuttost cari stante li jelenka r-ragunijiet ghat-talbiet tieghu;

2. "Illi ghalhekk, din it-tieni eccezzjoni m'ghandhiex tigi milqugha;

"Ikkunsidrat:

"Illi rigward it-tielet eccezzjoni hekk ukoll sollevata mill-konvenuti ai termini tal-artikolu 1431 (1) tal-Kodici Civili ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

1. "L-azzjoni in dizamina taqa' bil-preskrizzjoni ta' sitt (6) xhur mid-data tal-kunsinna;

2. "Dan stante li si tratta ta' mobbli, (dghajsa);

3. "Illi l-perjodu de quo jibda jiddekorri minn meta x-xerrej jikxef id-difett mistur;

4. "Illi meta ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx, il-perjodu de quo ma jibdiex jghaddi hlief minn dak inhar li seta' jikxef id-difett;

"Ikkunsidrat:

"Illi f'dan ir-rigward jirrizulta s-segwenti:

1."Illi l-atturi pprezentaw ittra ufficcjali fis-7 ta' Dicembru, 1999;

2."Illi pero`, jirrizulta li d-dghajsa kienet ikkonsenjata f'Marzu, 1999;

3."Illi ghalhekk hemm aktar minn sitt (6) xhur mid-data tal-konsenja;

4."Illi di piu`, jirrizulta li skont ir-relazzjoni tal-inginier *ex parte* li ccertifika d-difetti riskontrati, hu datat Awwissu, 1999;

5."Illi ghalhekk hi din l-ahhar data ndikata fil-paragrafu precedenti li ghandha tittiehed applikabbli ghall-fini tal-artikolu 1431 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fuq riferit;

6."Illi konsegwentement meta l-atturi agixxew bil-procedura odjerna kien ghadhom fit-terminu utili biex jintavolaw l-azzjoni odjerna skont il-ligi;

"Ikkunsidrat:

"Illi rigward l-"*actio redibitoria*" sollevata mill-konvenuti, jinghad sintetikament is-segwenti:

1."Illi l-artikolu 1424 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistabbilixxi li:

> " Il-bejjiegh hu obbligat jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar, li kieku kien jaf bihom";

2.“Illi l-azzjoni odjerna tistrieh fuq ir-rapport tal-inginier “*ex parte*” li jikkonkludi li d-dghajsa de quo kellha diversi difetti mohbija li ma kienux jaghmluha tajba ghall-uzu nawtiku li ghalih kienet ovvjament mibnija;

3.“Illi ghalhekk din il-qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-abbli perit legali fir-rigward u tikkonkludi li l-procedura odjerna giet regolarment intavolata fit-terminu legali pre-stabbilit;

“Ikkunsidrat:

“Illi rigward l-analizi mekkaniku – strutturali tad-dghajsa de quo jirrizultaw ambivalenzi serji bejn l-esperti nvoluti;

“Illi l-espert tekniku nominat mill-qorti diversament preseduta jikkontradixxi ghal kollox ir-rapport tal-inginier imqabbad mill-atturi u minflok jikkonkludi li:

1.“Id-dghajsa in dizamina ma kellha l-ebda deficenzi;

2.“Illi ghalhekk kienet tajba biex tintuza fil-bahar;

3.“Illi ma kienet tpoggi l-hajja ta’ hadd fil-perikolu;

“Ikkunsidrat:

“Illi di piu`, jirrizulta s-segwenti:

1. “Illi l-kontendenti kienu ftiehmu li l-konvenuti kellhom jibnu dghajsa lill-atturi minghajr il-magni;

2. “Illi effettivament il-magna u l-“*gear–box*” relattiva nxtraw u gew installati mill-istess attur Paul Azzopardi;

3. “Illi l-modifikazzjonijiet strutturali li saru fid-dghajsa fil-fazi kostruttiva taghha saru fuq talbiet tal-istess attur;

4. “Illi di piu`, rigward l-ispejjez allegatament sofferti mill-istess atturi ghandu jinghad li dawn mhux imputabbli lill-konvenuti, ghaliex “ … fil-maggior parti tal-oggetti, dawn kellhom jinxtraw mill-attur innifsu u l-konvenut ma kien b’ebda mod responsabbli ghalihom”, (ara fol 68 et sequitur);

“Ikkunsidrat:

“Illi minn ezami tar-rizultanzi kollha kif fuq sintetikament esposti jirrizulta:

1. “Illi ma tirrizultax ipprovata l-allegazzjoni attrici li d-dghajsa ma kinitx tajba biex tintuza bhala dghajsa;

2. “Illi mill-assjem fuq riferit lanqas jirrizulta li din id-dghajsa kienet tpoggi l-hajja tan-nies fil-perikolu;

3. “Illi bil-maqlub, irrizulta sodisfacentement ipprovat li d-dghajsa nbniet tajjeb u kienet tilhaq l-iskopijiet li ghalihom inbniet;

4. “Illi l-allegati difetti latenti ma kienu xejn minn dak allegat mill-atturi;

“Ikkunsidrat:

“Illi ghandu finalment jinghad li l-konkluzjonijiet li waslu ghalihom il-periti addizzjonali fir-rigward ma jwasslux lil din il-qorti biex tbiddel il-fehma taghha fir-rigward, molto piu` meta kif huma stess jikkjarifikaw, huma ezaminaw id-dghajsa de quo wara snin twal iggaraxxjata u inattiva;

“Illi ghalhekk din il-qorti qed tistrieh fuq l-ewwel relazzjoni li fir-rigward ma jirrizulta li hemm xejn x’jigi censurat fiha u qed taghmilha taghha;

“Ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti:

1. “Tirrespingi t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet procedurali preliminari sollevati mill-konvenuti, bl-ispejjez tal-istess kontra l-konvenuti Charles u Nicholas Cassar fuq indikati;

2. “Tirrespingi pero` wkoll it-talbiet kollha attrici stante li mhux pruvati;

3. “Takkolji l-eccezzjonijiet rimanenti tal-konvenuti rigwardanti l-meritu tal-azzjoni stante li la rrizulta li d-dghajsa kellha xi difetti mohbija u lanqas li kienet ta’ xi perikolu ghall-utent;

4. “Bl-ispejjez rimanenti kollha kontra l-atturi Paul u martu Maria Dolores Azzopardi”.

Minn din is-sentenza allura appella l-attur li talab ir-revoka taghha u kwindi l-akkoljiment tat-talbiet tieghu fil-waqt li l-konvenuti talbu l-konferma tas-sentenza.

**AGGRAVJI TAL-APPELLANT**

L-ewwel aggravju huwa li s-sentenza appellata (u l-perit legali) "stradaw ir-ragunament u l-gudizzju taghhom fuq il-bazi tal-vizzju redhibitorju" fil-waqt li l-azzjoni tieghu hija bbazata fuq il-fatt li d-dghajsa in kwistjoni ma kenitx tal-kwalitá pattwita.

Ma hemmx dubbju ghal din il-Qorti illi l-azzjoni intentata mill-appellant kienet ibbazata fuq l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili illi jghid:

> "*Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti*".

Ma hemmx lanqas dubbju li l-Qorti ghandha tasal ghad-decizjoni taghha a bazi tat-talbiet tal-attur u l-eccezzjonijiet tal-konvenut kif irrileva l-appellant li iccita s-sentenzi **Gatt v. Galea** (Appell) 12 ta' Lulju 1965, **Cacciattolo v. Cacciattolo** (Appell, 30 ta' Gunju 1976) u **Grech v. Saglimbene** (Appell 9 ta' April 1992) u kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Micallef v. Mizzi** (Appell, 24 ta' Frar 2012): "*Huwa prinċipju magħruf illi fl-għoti tas-sentenza l-imħallef ċivili għandu joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni…….Kif ritenut, ma huwiex leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-ċitazzjoni. Kawżali kif espressa fiċ-ċitazzjoni ma tistax tinbidel tul it-trattazzjoni tal-kawża u l-Qorti għandha toqgħod u tkun konformi mat-termini tad-*

*domandi kif espressi fiċ-ċitazzjoni. Li kieku dan ma jsirx, is-sentenza mogħtija tkun extra petita*". Ghalhekk il-Qorti kellha tiddeciedi l-kawza ai termini tal-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili u mhux timrah (kif ghamlet) fuq l-elementi tal-azzjoni redibitorja. Infatti qalet li "*l-azzjoni odjerna tistrieh fuq ir-rapport tal-inginier "ex parte" illi jikkonkludi illi d-dghajsa de quo kellha diversi difetti mohbija li ma kienux jaghmluha tajba ghall uzu nawtiku li ghalih kienet ovvjament mibnija*". Ghalhekk l-appellanti ghandhom ragun jilmentaw li l-ewwel Qorti b'mod manifestament zbaljat qieset l-azzjoni wahda dwar vizzju redibitorju taht l-Artikolu 1427 tal-Kodici Civili li jirrigwarda appuntu l-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja meta l-azzjoni hija kjarament dwar bejgh ta' oggett mhux tal-kwalità pattwita taht l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili. L-azzjoni odjerna , hi kjarament imsejjsa fuq l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili fejn l-oggett mibjugh ma jkunx tal-kwalità mwieghda u dan jemergi esplicitament mill-premessi tac-citazzjoni fejn jinghad li l-atturi "skoprew li d-dghajsa de quo ma kinitx tal-kwalità pattwita" u fl-ewwel talba l-Qorti ntalbet "tiddikjara li d-dghajsa de quo mhix tal-kwalità pattwita". Dan l-aggravju, ghalhekk, qieghed jigi milqugh.

B'danakollu l-fatt li qieghed jintlaqa' dan l-aggravju ma jwassalx sabiex l-appell fil-mertu jintlaqa'. Ir-ragunijiet ghal dan ser jirrizultaw meta l-Qorti tghaddi biex tikkonsidra t-tieni aggravju.

L-aggravju l-iehor huwa li "*l-ewwel Qorti ghogobha tiskarta l-konkluzjonijiet tal-periti addizjonali fejn fir-relazzjoni taghhom elenkaw dawk il-komponenti tad-dghajsa li huma qiesu deficjenti …. …. L-unika deduzzjoni li l-Qorti ghogobha taghmel kienet li dawn esaminaw id-dghajsa snin wara*".

Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Anthony Mizzi v. Emanuele Schembri** (22 ta' Mejju 1967) din il-Qorti osservat li "*min jallega li l-merkanzija mixtrija kienet inservibbli u mhux tajba ma jistax jippretendi li hemm differenza fil-kwalita' pattwita izda vizju redibitorju*". Fil-fehma tal-Qorti dan hu li qed jaghmel l-appellant f'din il-kawza u dan kien li induca lill-ewwel Qorti erronjament tqis l-azzjoni bhala wahda redibitorja. L-ilmenti tieghu huma dwar difetti fid-dghajsa "de quo" u mhux li l-istess dghajsa kienet ta' kwalitá differenti minn dik miftehma. L-istess rapport teknici tal-esperti nominati mill-Qorti jikkonfermaw dan. L-ewwel espert nominat, Daniel Grima, qal li wara li pprova d-dghajsa permezz ta' "sea trial" ma rriskontra ebda deficjenzi li jrendu d-dghajsa "unseaworthy" jew perikoluza waqt li ghaddejja bl-operazzjoni normali ghal dghajsa ta' dak id-daqs. Il-periti addizzjonali imbaghad fil-waqt li rrikonoxxew li d-disinn u l-enginerija tad-dghajsa kien wiehed fqir ("poor") dan kien fil-limitu tal-prattici fiz-zmien li giet maghmula. L-aktar mankanzi serji fil-fehma taghhom kienu riversibbli u anke indikaw li l-appellant kien ghamel xi intervent fuqha. Oltre dan ma jirrizultax li hemm xi kwalitá nieqsa mid-

deskrizzjoni tad-dghajsa kif spjegat fil-kuntratt tal-akkwist a fol 181 tal-process.

Dan ma jirrendix l-azzjoni wahda bla kawzali, u konsegwenzjalment nulla kif ippretendew il-konvenuti fl-ewwel istanza, ghaliex mic-citazzjoni tali kawzali tirrizulta b'mod esplicitu mic-citazzjoni u cioe` li l-oggett mibjugh ma kienx tal-kwalità pattwita. Il-konsegwenza ta' dak li rrizulta mill-provi invece hi li t-talbiet attrici jigu michuda fil-mertu peress li mill-provi ma rrizultawx legalment fondati.

L-appellant qed jitlob lill-Qorti biex tiskarta l-konkluzjonijiet imsemmija tal-esperti nominati minnha u tadotta r-rapport tal-espert "ex parte". Madankollu fil-waqt li ma ghandha ebda dubbju dwar il-kapacitá jew l-integritá ta' dan l-espert mhux ragonevoli li l-Qorti tiskarta l-konkluzjonijiet tal-esperti illi nnominat hija stess l-aktar meta n-nomina tal-esperti addizzjonali saret bil-kunsens u l-kontribuzzjoni tal-partijiet (fol 319 tal-process). F'dan ir-rigward ukoll il-Qrati taghna ghal diversi drabi ghamlu taghhom il-konstatazzjonijiet ta' din il-Qorti fil-kawza **Giswarda Bugeja v. Emanuele Muscat et** (23 ta' Gunju 1967) fejn qalet illi "*ghalkemm il-Qorti mhux marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijet taghha innifisha, u l-konkluzjonijiet peritali bhal materjali istruttorji ohrajn kontrollabbli mill-gudikant, madankollu 'il giudizio del' arte' espress mit-tekniku ma jistghux u ma ghandux, ... ....,*

*jigi skartat facilment, ammenokke' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma fil-kumpless kollhu tac-cirkostanzi irragonevoli*". Bl-istess mod il-Qorti (Prim'Awla) ippronunzjat ruhha fil-kawza fl-ismijiet **Josephine Micallef v. Louis Zammit**, deciza fil-11 ta' Ottubru 2010 u kkonfermata minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru 2014, u aktar ricentement il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet v. Mugliette et** deciza fit-28 ta' Marzu 2014 u **Giulia Curmi et v. Guzeppi Schembri** deciza fl-24 ta' April 2015.

Ma jirrizultax ghalhekk li l-kawzali li d-dghajsa mixtrija mill-attur ma kienitx tal-kwalità pattwita – biex jirrizulta dan, l-oggett mixtri irid ikun ta' kwalitajiet differenti minn dak miftiehem – per ezempju fil-kawza **Borg vs Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-28 ta' Ottubru 1992 il-Qorti laqghet it-talba attrici ghaliex l-oggett mibjugh kien maghmul ic-Cina u mhux il-Gappun kif miftiehem. Id-differenza bejn iz-zewg azzjonijiet hija spjegata tajjeb u fid-dettal fil-kawza fuq citata **Mizzi vs Schembri.**

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata izda ghar-ragunijiet u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi f'din is-sentenza u mhux necessarjament dawk moghtija u

maghmula fis-sentenza appellata; l-ispejjez tal-appell ukoll tlett kwarti ($^3/_4$) a kariku tal-appellant u kwart ($^1/_4$) ghall-appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb/rf